32003R0497

L 74/4 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 20.3.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 497/2003

tat-18 ta' Marzu 2003

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 94/2000 li jistabbilxxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2826/2000 dwar l-informazzjoni u l-promuzzjoni ta' prodotti agrikoli fis-suq intern

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2826/2000 tad-19 ta' Diċembru 2000 dwar l-azzjonijiet ta' l-informazzjoni u l-promuzzjoni ta' prodotti agrikoli fis-suq intern [1], u partikolarment l- l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Bil-għan li tkun ipprovduta informazzjoni korretta lejn, u li tipprotieġi lill-konsumaturi, l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 94/2002 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2097/2002 [3], għandu jipprovdi għal messaġġi nutrizjonali li huma bbażati fuq informazzjoni xjentifika rikonoxxuta, li s-sorsi tagħha huma disponibbli.

(2) Fl-interessi taċ-ċertezza legali, għandu jkun speċifikat li l-programmi pproponuti għandhom ikunu konformi, partikolarment, mal-leġislazzjoni kollha tal-Komunità li tkopri l-prodotti kkonċernati u l-marketing tagħhom.

(3) Fid-dawl kemm ta' l-esperjenza akwistata mill-iskrutinju tal-programmi ppreżentati u l-iżviluppi fit-tgħarif xjentifiku, il-linji ta' gwida għandhom ikunu adottati għal uħud mis-setturi.

(4) Iż-żejt taż-żebbuġa, żebbuġ tal-mejda u ċ-ċanga u l-vitella huma settur kjavi ta' fejn il-bilanċ tas-suq jista jkun imtejjeb permezz ta' l-informazzjoni u/jew ta' miżuri ta' promuzzjoni ġenerika, partikolarment bill-provvediment ta' l-informazzjoni adekwata lejn il-konsumaturi.

(5) Fis-settur tal-fibra tal-kittien, prodotti ta' kwalità għolja għandhom jiffaċċjaw kompetizjoni iebsa mill-kittien li joriġina il-barra mill-Komunità u minn tipi oħrajn ta' fibra. Ir-riżultati tas-settur mill-aħħar sena tas-suq juru li miżuri ta' l-informazzjoni dwar il-fibra tal-kittien tal-Komunità għandhom impatt pożittiv.

(6) Iż-żejt taż-żebbuġa, ż-żebbuġ tal-mejda, il-fibra tal-kittien u ċ-ċanga u l-vitella għandhom għalhekk ikunu nklużi fil-lista ta' prodotti li għandhom ikunu promossi, u l-linli ta' gwida ġenerali dwar kampanji għandhom għalhekk ikunu diġa stabbiliti f'dan l-istadju għal-iskop ta' l-amministrazzjoni tal-programmi li għandhom ikunu mplementati f'dawn is-setturi.

(7) Il-linji ta' gwida fl-Anness t'hawnhekk jieħdu akkont tas-sitwazzjoni tas-suq u r-riżultati disponibbli mil-evalwazzjoni tal-kampanja ta' promuzzjoni l-aktar riċenti.

(8) In vista ta' l-informazzjoni li permezz tagħha dawn il-linji ta' gwida kienu adottati, limiti ta' żmien speċifiċi għandhom ikunu stabbiliti għat-trasmissjoni u l-approvazzjoni ta' programmi ppreżentati fl-2003 għaż-żejt taż-żebbuġa, ż-żebbuġ tal-mejda u l-fibra tal-kittien.

(9) L-Anness II, li jelenka l-korpi kompetenti tal-Istati Membri, jeħtieġ li jkun aġġornat.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 94/2002 għandu jkun emendat kif xieraq.

(11) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni mogħtija mil-Laqgħa Konġunta tal-Kumitati ta' Ġestjoni dwar il-Promuzzjoni ta' Prodotti Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 94/2002 huwa b'hekk emendat kif ġej:

— Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud:

"3. Xi referenza fil-messaġġi tal-promuzzjoni u tal-informazzjoni dwar l-effetti fuq is-saħħa bil-konsum tal-prodotti kkonċernati għandha tkun ibbażata fuq data xjentifika ġeneralment aċċettata. Messaġġi bħal dawn għandhom ikunu aċċettati mill-awtorità nazzjonali responsabbli għas-saħħa pubblika. Il-federazzjoni tal-kummerċ jew l-organizzazzjoni interbranch li tagħmel il-proposta għandha żżomm lista disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat u tal-Kummissjoni ta' l-istudji xjentifiċi u ta' l-opinjonijiet ta' l-istituzzjonijiet xjentifiċi li fuqhom messaġġi bħal dawn huma bbażati."

— L-Artikolu 5(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Għall-iskopijiet tal-miżuri ta' l-implementazzjoni permezz tal-programm referut fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2826/2000, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirċievi, b'reazzjoni ta' sejħa għal proposti u mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar u l-31 ta' Lulju ta' kull sena, programmi mħejjija mill-assoċċjazzjonijiet tal-kummerċ u l-interbranch fil-Komunità li huma rappreżentattivi tas-settur jew is-setturi kkonċernati.

B'dana kollu, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jirċievu programmi li għandhom ikunu ppreżentati fl-2003 li jirrigwardjaw iż-żejt taż-żebbuġa, ż-żebbuġ tal-mejda u l-fibra tal-kittien b'reazzjoni għal sejħa għal proposti mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2003.

[1] ĠU L 328, tal-21.12.2000, p. 2.
[2] ĠU L 17, tad-19.1.2002, p. 20.
[3] ĠU L 323, tat-28.11.2002, p. 41.

Programmi bħal dawn għandhom ikunu konformi mar-regoli tal-Komunità li jirregolaw il-prodotti kkonċernati u l-marketing tagħhom, u l-linji ta' gwida referuti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2826/2000 u l-ispeċifikazzjonijiet li jistipulaw il-kriterja ta' l-esklużjoni, l-għażla u l-għoti kif distribwiti għal dak il-għan mill-Istati Membri kkonċernati.

Il-linji ta' gwida huma stabbiliti għall-ewwel darba fl-Anness III ta' dan ir-Regolament."

— L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu li ġej huwa miżjud mal-paragrafu 1:

"B'dana kollu, l-programmi ippreżentati fil-2003 li jirrigwardjaw iż-żejt taż-żebbuġa, ż-żebbuġ tal-mejda u l-fibra tal-kittien b'reazzjoni ta' sejħa għal proposti għandhom ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2003.";

(b) is-subparagrafu li ġej huwa miżjud mal-paragrafu 3:

"B'dana kollu, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar programmi ppreżentati fl-2003 li jirrigwardjaw iż-żejt taż-żebbuġa, ż-żebbuġ tal-mejda u l-fibra tal-kittien b'reazzjoni għal sejħa għal proposti mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru 2003."

— L-Anness I huwa mibdul bl-Anness I miġjub hawnhekk.

— L-Anness II huwa mibdul bl-Anness II miġjub hawnhekk.

— L-Anness III huwa emendat bi qbil ma' l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

(a) Lista ta' temi li dwarhom miżuri ta' l-informazzjoni u/jew ta' promuzzjoni jistgħu jitwettqu:
- — informazzjoni rigward id-designazzjonijiet protetti ta' l-oriġini (PDO), indikazzjonijiet protetti ġeografiċi (PGI), speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti (GTS) u s-simboli grafiċi stabbiliti fil-leġislazzjoni agrikola,
- — informazzjoni dwar il-biedja organika,
- — informazzjoni dwar is-sistemi tal-produzzjoni agrikola li jiggarantixxu t-traċċabbiltà ta' prodott jew l-ittikkettjar ta' prodotti bħal dawk,
- — informazzjoni dwar il-kwalità u s-sigurtà ta' l-ikel u l-aspetti nutrizzjonali u tas-saħħa.

(b) Lista ta' prodotti li tista tkun koperta bil-kampanji:
- — frott u ħxejjex friski,
- — frott u ħxejjex ipproċessati,
- — prodotti tal-ħalib,
- — inbejjed ta' kwalità psr, inbid tal-mejda li jkollhom l-indikazzjoni ġeografika,
- — żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda,
- — fjuri u pjanti ħajjin,
- — fibra tal-kittien,
- — ċanga u vitella friski, imkessħa jew iffriżati.

L-ANNESS II

LISTA TA' KORPI KOMPETENTI FL-ISTATI MEMBRI

(għall-amministrazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 2701/1999 u (KE) Nru 2826/2000)

L-Istat Membru	L-isem u l-indirizz		aġġornata fit-28 ta' Frar 2003
Il-Ġermanja	Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung (BLE) Referat 411 D-60631 Frankfurt/Main	Telefon	49 69 1564 862/753-756/757
		Fax	49 69 1564-791
		e-mail	patricia.grunwald@ble.de dieter.pruchnewski@ble.de ralf.keller@ble.de
		Internet	www.ble.de
l-Awstria	Agrarmarkt Austria Dresdner Straße 70 A-1201 Wien	Telefon	Milcherzeugnisse: 43 1 33 151-284 Rindfleisch: 43 1 33 151-218 Sonst. Erzeugnisse: 43 1 33 151-241
		Fax	Milcherzeugnisse: 43 1 33 151-396 Rindfleisch: 43 1 33 151-297 Sonst. Erzeugnisse: 43 1 33 151-303
		e-mail	Milcherzeugnisse: lothar.goedl@ama.gv.at Rindfleisch: alois.luger@ama.gv.at Sonst. Erzeugnisse: michaela.pichler@ama.gv.at
	Bundesministerium für Land- und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft Stubenring 12 A-1010 Wien	Telefon	Wein: 43 1 71100-2840 Horizontale Angelegenheiten: 43 1 71100-2738
		Fax	43 1 71100-2901 Horizontale Angelegenheiten: 43 1 71100-2891
		e-mail	Wein: Rudolf.Schmid@bmlfuw.gv.at Horizontale Angelegenheiten: Michaela.Zoch@bmlfuw.gv.at
Il-Belġju	Vlaamse Gemeenschap: Administratie Land- en Tuinbouw (ALT) Directeur-Generaal (dhr. J. Van Liefferinge) Leuvenseplein 4 B-1000 Brussel	Telefon	32 2 553 63 40
		Fax	32 2 553 63 50
		e-mail	Jules.vanliefferinge@ewbl.vlaanderen.be
	Région wallonne: Agence wallone à l'exportation (AWEX) Directeur général (M. Ph. Suinen) Place Sainctelette 2, B-1080 Bruxelles	Telefon	32 2 421 82 11
		Fax	32 2 421 87 87
		e-mail	mail@awex.wallonie.be
Id-Danimarka	Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri Direktoratet for FødevareErhverv Kampmannsgade 3 DK-1780 København V	Telefon	45 33 95 80 00
		Fax	45 33 95 80 80
		e-mail	dffe@dffe.dk
	Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri Direktoratet for FødevareErhverv Animalsk kontor (M. Carsten Andersen) Kampmannsgade 3 DK-1780 København V	Telefon	45 33 95 88 02
		Fax	45 33 95 80 34
		e-mail	caea@dffe.dk
Spanja	Ministerio de Agricultura, Pesca y Alimentacion (MAPA) Subsecretaría Dirección General de (SG Promoción Fax 34 Agroalimentaria) 913 47 51 68 Paseo Infanta Isabel 1 E-28014 Madrid	Telefon	34 913 47 53 91
		Fax	34 913 47 51 68
		e-mail	ssgpromo@mapya.es

L-Istat Membru	L-isem u l-indirizz		aġġornata fit-28 ta' Frar 2003
il-Finlandja	Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Foresterija Unità ta' l-Intervenzjoni Kaxxa Postali 30 FIN-00023 Helsinki Il-Gvern	Telefon Fax e-mail	358-9-160 53370 358-9-160 52707 hanna.mattila@mmm.fi tiina.saatsi@mmm.fi intervention.unit@mmm.fi
Franza	Office national interprofessionnel des viandes de l'élevage et de l'aviculture (OFIVAL) (M. Yves Berger) 80, avenue des Terroirs-de-France F-75607 Paris Cedex 12	Telefon Fax e-mail	33 1 44 68 50 00 33 1 44 68 50 06 Yves.berger@ofival.fr
	Office national interprofessionnel du lait et des produits laitiers (ONILAIT) (Mme Boulengier) 2, rue Saint-Charles F-75740 Paris Cedex 15	Telefon Fax e-mail	33 1 73 00 50 00 33 1 73 00 50 50
	Office national interprofessionnel des fruits, des légumes et de l'horticulture (ONIFLHOR) (M. Balay) 164, rue de Javel F-75739 Paris Cedex 15	Telefon Fax e-mail	33 1 44 25 36 36 33 1 44 25 36 66 33 1 45 54 31 69 33 1 44 25 36 90 oniflhor@easynet.fr
	Office national interprofessionnel des vins (ONIVINS) (M. Dairien) 232, rue de Rivoli F-75001 Paris	Telefon Fax e-mail	33 1 42 86 32 00 33 1 40 15 06 96
	Office national interprofessionnel des céréales (ONIC) Office national interprofessionnel des oléagineux, protéagineux et cultures textiles (ONIOL) (M. Drege) 21, avenue Bosquet F-75015 Paris	Telefon Fax e-mail	33 1 44 18 20 00 33 1 45 51 90 99
	Institut national des appellations d'origines (INAO) (M. Benard) 138, Champs-Élysées F-75008 Paris	Telefon Fax e-mail	33 1 53 89 80 00 33 1 42 25 57 97 jd.benard@inao.gouv.fr
	Office de développement de l'économie agricole des départements d'outre-mer (ODEADOM) (M. Danel) 31, quai de Grenelle, Tour Mercure 1 F-75738 Paris Cedex 15	Telefon Fax e-mail	33 1 53 95 41 70 33 1 53 95 41 95
	Office national interprofessionnel des plantes à parfum, aromatiques et médicinales (ONIPPAM) (M. De Laurens) 25, rue du Maréchal Foch F-04130 Voix	Telefon Fax e-mail	33 4 92 79 34 46 33 4 92 79 33 22
Il-Greċja	Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura Id-Direzzjoni ta' l-Ispejjeż Agrikoli Triq Patission 207 Triq Skalistiri 19 GR-11253 Ateni	Telefon Fax e-mail	(30-210) 212 82 23 (30-210) 212 82 24 (30-210) 867 53 59 pasku022@minagric.gr

L-Istat Membru	L-isem u l-indirizz		aġġornata fit-28 ta' Frar 2003
L-Irlanda	Dipartiment ta' l-Agrikoltura u l-Ikel Agriculture House Triq Kildare Dublin 2, Irlanda	Telefon Fax e-mail	353 1 607200/6072390 353 1 6072038 marian.byrne@ agriculture.gov.ie mel.mcdonagh@agriculture.gov.ie
L-Italja	AGEA Dr. Renzo Lolli Organismo Pagatore Via Palestro, 81, I-00185 Roma	Telefon Fax e-mail	39 (06) 4949 93 08 39 (06) 4941 647 Renzololli@hotmail.com
Il-Lussemburgu	Administration des services techniques de l'agriculture 16, route d'Esch boîte postale 1904 L-1019 Lussemburgu	Telefon Fax e-mail	352 45 71 72 215 352 45 71 72 341 www.asta.etat.lu asta.asta@asta.etat.lu
L-Olanda	Ministerie van LNV Directie I.Z.; desk PDA Postbus 20401 2500 EK Den Haag Nederland	Telefon Fax e-mail	31 70 3786868 31 70 3786105 infotiek@dv.agro.nl
	Ministerie van LNV Agentschap LASER Regio Zuid-West Postbus 1191 3300 BD Dordrecht, Nederland	Telefon Fax e-mail	31 78 6395484 31 78 6395394 promotie@laser.agro.nl
Il-Portugall	INGA Rua Fernando Curado Ribeiro, n.o 4 G, P-1649-034 Lisboa	Telefon Fax e-mail	351 21 7518709 351 21 7518623 Artur.rodrigues@inga.min-agricultura.pt
Ir-Renju Unit	Department of Environment, Food & Rural Affairs (DEFRA) Agrifood Exports and Regional Food Promotion Division (Jill Russell) Nobel House 17 Smith Square London SW 1P 3JR United Kingdom	Telefon Fax e-mail	44 207 238 65 90 44 207 238 56 71 jill.russell@defra.gsi.gov.uk
	Rural Payment Agency (RPA) (Rosemary Welch) PO Box 69 Reading RG1 3YD, United Kingdom	Telefon Fax e-mail	44 118 968 7662 44 118 968 7734 rosemary.welch@rpa.gsi.gov.uk
l-Isvezja	Il-Board Svediż ta' l-Agrikoltura S-55182 Jönköping	Telefon Fax e-mail	46 36 15 50 00 46 36 19 05 46 jordbruksverket@sjv.se

ANNEX III

Ħalib u prodotti tal-ħalib

1. ANALIŻI GLOBALI TAS-SITWAZZJONI

Kien hemm nuqqas qawwi fil-konsum ta' ħalib likwidu, partikolarment fil-pajjiżi ewlenija tal-konsumatur, l-aktar minħabba l-kompetizzjoni minn soft-drinks fost iż-żgħażagħ. B'kuntrast, kien hemm żieda globali fil-konsum ta' prodotti tal-ħalib espressi f'ekwivalenti tal-ħalib.

2. MIRI

— Li jiżdied il-konsum ta' ħalib likwidu

— Li jkun ikkonsolidat il-konsum tal-prodotti tal-ħalib

— Li jkun jkun inkorraġut il-konsum fost iż-żgħażagħ.

3. GRUPPI MMIRATI

— It-tfal u l-adolixxenti, speċjalment il-bniet ta' l-età ta' bejn it-8 u l-14 il-sena

— Nisa żgħażagħ u ommijiet ta' bejn il-15 u l-40 sena

— Persuni ta' età ta' 55 jew aktar.

4. IL-MESSAĠĠI EWLENIJA

— Il-ħalib u prodotti tal-ħalib huma bnini, naturali, prodotti ta' enerġija-għolja u adattati għall-ħajja moderna u ta' pjaċir fil-konsum.

— Il-messaġġi għandhom ikunu pożittivi u jieħdu akkont tan-natura speċifika tal-konsum fid-diversi swieq.

— Il-kontinwità tal-messaġġi ewlenija għandha tkun assigurata matul il-programm kollu sabiex tikkonvinċi lill-konsumaturi bil-benefiċji li jistgħu jkunu akwistati mill-konsum regolari ta' dawk il-prodotti.

5. IL-KANALI EWLENIJA

— Kanali elettroniċi

— Linji ta' l-informazzjoni bit-telefon

— Kuntatti tal-PR mal-medja (e.g. ġurnalisti speċjalizzati għall-istampa tan-nisa u l-persuni żgħażagħ)

— Kuntatti ma tobba u nutrizzjonisti

— Kuntatti ma l-għalliema

— Kanali oħrajn (fuljetti u kotba żgħar, logħob tat-tfal, eċċ.)

— Wirjiet fil-punti tal-bejgħ

— Medja viżwali (ċinema, kanali speċjalizzati tat-TV)

— Reklami qosra fuq ir-radjo

— Pubbliċità fl-istampa speċjalizzata (żgħażagħ u nisa).

6. IT-TUL TAŻ-ŻMIEN TAL-PROGRAMMI

12 sa 36 xhar, tingħata prijorità lill-programmi multi-annwali li jkunu miri stabbiliti għal kull stadju.

7. BUDGET INDIKATTIV

EUR 6 milljuni.

Inbid

1. ANALIŻI GLOBALI TAS-SITWAZZJONI

Il-produzzjoni ta' l-inbid hija biż-żejjed waqt li l-konsum huwa statiku jew anki qiegħed jonqos għal ċerti tipi ta' nbid, u l-forniment minn pajjiżi terzi qiegħed jiżdied.

2. MIRI

Li jkunu nfurmati l-konsumaturi rigward il-varjetà, il-kwalità u l-kondizzjonijiet tal-produzzjoni ta' l-inbejjed Ewropej u r-riżultati tal-istudji xjentifiċi.

3. GRUPPI MMIRATI

Konsumaturi, esklużi nies żgħażagħ u adolixxenti kif referuti fir-Rakkommandazzjoni tal-Kunsill

4. IL-MESSAĠĠI EWLENIJA

— Il-leġislazzjoni tal-Komunità strettament tirregola l-produzzjoni, l-indikazzjoni tal-kwalità, l-ittikkettjar u l-marketing, b'hekk tiggarantixxi għal-konsumaturi il-kwalità u t-traċċabbilità ta' l-inbid li jkun għall-bejgħ.

— L-attrazzjoni li tkun tista tgħażel minn selezzjoni ferm wiesa ta' nbejjed Ewropej ta' oriġini differenti, taċċenna t-tkabbir ta' l-inbejjed Ewropej u r-rabta tagħhom ma żona lokali.

— Ix-xorb ta' l-inbid f'moderazzjoni flimkien ma dieta bbilanċjata.

5. IL-KANALI EWLENIJA

Miżuri ta' informazzjoni u relazzjonijiet pubbliċi

— taħriġ għad-distributuri u l-fornituri ta' l-ikel,

— kuntatti mal-professjoni medika u l-istampa speċjalizzata,

— kanali oħrajn (is-sit tal-internet, fuljetti u brochures) sabiex jiggwidaw lill-konsumaturi fil-għażla tagħhom u joħolqu opportunitajiet għall-konsum f'avvenimenti tal-familja.

6. IT-TUL TAŻ-ŻMIEN TAL-PROGRAMMI

12 sa 36 xhar, tingħata prijorità lill-programmi multi-annwali li jkollhom miri għal kull stadju.

7. BUDGET INDIKATTIV

EUR 6 milljuni.

Frott u ħxejjex friski

1. ANALIŻI GLOBALI TAS-SITWAZZJONI

F'dan is-settur, il-ħtieġa li jkun assigurat l-isfog regolari tal-forniment hija aktar aċċennata għal ċerti prodotti, independentament mill-miżuri tal-komunikazzjoni meħuda s'issa.

Hemm nuqqas ta' l-interess apparenti fost il-konsumaturi ta' taħt il-35 sena, li hija aktar qawwija fost il-popolazzjoni ta' l-età tal-iskola. Dan mhux fl-interess ta' dieta bbilanċjata.

2. MIRI

L-għan huwa li tkun restawrata d-deħra tal-prodotti bħala li huma "friski" u "naturali" u li tnaqqas il-medja ta' l-età tal-konsumaturi, prinċipalemnt billi tinkorraġixxi liż-żgħażagħ sabiex jikkunsmaw il-prodotti kkonċernati.

3. GRUPPI MMIRATI

— Familji żgħażagħ ta' taħt il-35 sena

— Tfal u adolixxenti ta' l-età tal-iskola

— Fornituri ta' l-ikel bil-massa u l-canteen tal-iskejjel

— It-tobba u n-nutrizzjonisti.

4. IL-MESSAĠĠI EWLENIJA

— Il-prodotti huma naturali

— Il-prodotti huma friski

— Il-kwalità (sigurtà, valur nutrizzjonali u t-tgħoma, metodi tal-produzzjoni, ħarsien ambjentali, rabta ma l-oriġini tal-prodotti)

— Tgawdija

— Dieta bbilanċjata

— Il-varjetà u n-natura staġjonali tal-forniment tal-prodotti friski

— Preparazzjoni faċli: ikel frisk ma jeħtieġ l-ebda tisjir

— Traċċabbilità

— Il-konsum ta' dawn il-prodotti huwa tajjeb għas-saħħa.

5. IL-KANALI EWLENIJA

— Kanali elettroniċi (siti ta' l-internet li jippreżentaw il-prodotti, b'logħob għat-tfal iż-żgħar)

— Linji ta' l-informazzjoni bit-telefon

— Kuntatti tal-PR mal-medja (e.g. ġurnalisti speċjalizzati għall-istampa tan-nisa u gażżetti taż-żagħżagħ u l-ġurnali)

— Kuntatti ma tobba u nutrizzjonisti

— Miżuri edukazzjonali li jimmirraw lit-tfal u lill-addolixxenti bl-immobbilizzar ta' l-għalliema u l-amministraturi tal-canteen tal-iskola

— Kanali oħrajn (fuljetti u brochures bl-informazzjoni dwar il-prodotti u r-riċetti, logħob tat-tfal, eċċ.)

— Medja viżwali (ċinema, kanali speċjalizzati tat-TV)

— Reklami qosra fuq ir-radjo

— Pubbliċità fl-istampa speċjalizzata (żgħażagħ u nisa).

6. IT-TUL TAŻ-ŻMIEN TAL-PROGRAMMI

12 sa 36 xhar, tingħata prijorità lill-programmi multi-annwali li jkunu miri stabbiliti għal kull stadju.

7. BUDGET INDIKATTIV

EUR 6 milljuni.

Żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda

1. ANALIŻI GLOBALI TAS-SITWAZZJONI

Waqt li l-forniment taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda qiegħed jiżdied, talba għal dawn il-prodotti tvarja ħafna bejn is-swieq konsumaturi tradizzjonali u dawk fejn dawn huma relattivament fenominu ġdid.

Fl-Istati Membri konsumaturi tradizzjonali (Spanja, l-Italja, l-Greċja u l-Portugall), il-prodotti kkonċernati huma ġeneralment seww magħrufa u l-konsum huwa għoli. Fi kliem ieħor, dawn huma swieq maturi li fihom ftit hemm prospett għal xi żieda globali fit-talba.

Fl-Istati Membri "konsumaturi ġodda", il-kunsum per capita għadu baxx u ħafna konsumaturi għadhom ma jafux dwar il-kwalitajiet differenti u l-użu taż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda. Dan huwa s-suq fejn hemm l-akbar skop għal żieda fit-talba.

2. MIRI

— Sabiex jiżdied il-konsum fl-Istati Membri "konsumaturi ġodda" biż-żieda tal-penetrazzjoni tas-suq u d-diversifikità ta' l-użu ta' dawn il-prodotti.

— Sabiex tikkonsolida u, meta possibbli, jiżdied il-konsum fl-Istati Membri konsumaturi tradizzjonali bit-tittjib ta' l-informazzjoni lejn il-konsumaturi rigward l-aspetti li baqgħu ftit li xejn magħrufa u billi twassal ħalli ż-żgħażagħ jidħlu fid-drawwa li jixtru dawn il-prodotti.

3. GRUPPI MMIRATI

(a) Fl-Istati Membri "konsumaturi ġodda":

— Ix-xerreja ewlenija

— Dawk li għandhom effett fuq il-formazzjoni ta' l-opinjoni (gastronomi, koki, resturanti, l-istampa ġenerali u speċjalizzata (gastronomija), u l-istili varji tan-nisa)

— Distributuri.

(b) Fl-Istati Membri "konsumaturi tradizzjonali":

— Ix-xerreja ewlenija ta' l-età 25 sa 35

— L-istampa tal-konsumaturi

— L-istampa medika u paramedika.

4. IL-MESSAĠĠI EWLENIJA

(a) Fl-Istati Membri "konsumaturi ġodda":

— żejt taż-żebbuġa, partikolarment iż-żejt *extra* verġni, huwa l-prodott naturali ta' tradizzjoni antika u abilità ta' esperjenza idealment adatta għal cuisine moderna ta' togħmiet qawwija,

— ħjiel għal użu ta' kull jum (sħun u kiesaħ) ma tul is-sena,

— il-kwalità tal-ketegoriji differenti u l-varjetajiet tat-tgħomiet taż-żejt taż-żebbuġa,

— il-karatteristiċi organoleptiċi taż-żejt verġni taż-żebbuġa (aroma, kulur togħma) ivarjaw b'sottilità bejn il-varjetajiet, iż-żoni, il-ħsad, PDO/PGI, eċċ. Din id-divesità toffri medda wiesa ta' sensazzjonijiet u possibbiltajiet kulinari,

— il-kwalitajiet nutrizzjonali taż-żejt taż-żebuġa jagħmluha parti mportanti minn dieta bbilanċjata u tas-saħħa,

— informazzjoni dwar il-kontroll tal-kwalità, ċ-ċertifikazzjoni u s-sistena tal-ittikkettjar għaż-żejt taż-żebbuġa,

— iż-żebbuġ tal-mejda huwa prodott naturali u bnin, li jista jittiekel bħala spuntini jew f'dixxijiet kumplessi.

(b) Fl-Istati Membri "konsumaturi tradizzjonali":

— il-kategoriji differenti taż-żejt taż-żebuġa u l-fatturi speċifiċi ta' żjut verġni,

— it-tifsira u l-vantaġġi tal-sistema PDO/PGI tal-Komunità u l-informazzjoni rigward iż-żjut taż-żebbuġa kollha u/jew żebbuġ tal-mejda rreġistrati bħala PDO/PGI matul il-Komunità kollha,

— informazzjoni dwar il-kontroll tal-kwalità, ċ-ċertifikazzjoni u s-sistena tal-ittikkettjar għaż-żejt taż-żebbuġa,

— minkejja l-istorja twila tiegħu, iż-żejt taż-żebuġa huwa prodott modern b'valuri kemm nutrizzjonali u wkoll kulinari, il-karatteristiċi tal-varjetajiet differenti taż-żebbuġ tal-mejda.

— Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(3), l-informazzjoni rigward il-kwalitajiet nutrizzjonali taż-żejt taż-żebuġa għandhom ikunu bbażati,

partikolarment, għad-dokumentazzjoni tas-seba' kampanja promozzjonali taż-żejt taż-żebuġa u vvalidata mill-għajnuna xjentifika tal-Kummissjoni.

5. IL-KANALI EWLENIJA

(a) Fl-Istati Membri "konsumaturi ġodda":

— L-internet

— Promuzzjoni fil-punti tal-bejgħ (provi ta' togħma, riċetti, informazzjoni)

— Publiċità (jew editorjali tal-pubbliċità) fl-istampa ġenerali, kulinari, tan-nisa u tal-istil tal-ħajja

— Relazzjonijiet pubbliċi ma dawk li jinfluwenzaw l-opinjoni (ġurnalisti speċjalizzati, koki, eċċ.).

(b) Fl-Istati Membri "konsumaturi tradizzjonali":

— L-internet

— Pubbliċità (jew editorjali tal-publiċità) fi stampa speċjalizzata (tan-nisa, kulinari, eċċ.) li tiffoka fuq l-aġġornament tad-dehra tal-prodott

— Promuzzjoni fil-punti tal-bejgħ

— Relazzjonijiet pubbliċi u kuntatti PR mal-istampa (avvenimenti, parteċipazzjoni f'wirjiet tal-konsumatur, eċċ.)

— Azzjonijiet konġunti mal-profesjoni medika u paramedika.

6. IT-TUL TAŻ-ŻMIEN TAL-PROGRAMMI

12 sa 36 xhar, tingħata prijorità lill-programmi li jistabbilixxu strateġija maħsuba għal miri ta' kull stadju.

B'dana kollu, jiddependi mir-riżultati kollha ta' l-evalwazzjoni esterna tas-seba' kampanja, programmi approvati fl-2003 għandhom idumu għal 12 il-xhar.

7. BUDGET INDIKATTIV

EUR 6 milljuni, mqassma kif ġej:

— 70 % għal programmi li għandhom ikunu mplementati f'wieħed jew aktar Stati Membri "konsumaturi ġodda",

— 30 % għal programmi li għandhom ikunu mplementati f'wieħed jew aktar Stati Membri "konsumaturi tradizzjonali",

Fibra tal-kittien

1. ANALIŻI GLOBALI TAS-SITWAZZJONI

Il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ internazzjonali fit-tessuti u l-ħwejjeġ wasslet lill-kittien Ewropew f'kuntatt ma kompetizjoni ħarxa mal-kittien minn barra l-Komunità, offrut bi prezzijiet ferm attraenti, u ma fibri oħrajn. Fl-istess waqt, il-konsum tat-tessuti għandu t-tendenza li jisstabbilizza.

2. MIRI

— Sabiex tkun żviluppata d-dehra u r-reputazzjoni tal-kittien Ewropew

— Sabiex jiżdied il-konsum ta' dan il-prodott, kif identifikat bil-marka ta' "Mgħallma ta' l-Għażel"

— Sabiex ikunu kkapitalizzati l-kwalitajiet distintivi tal-kittien Ewropew, kif identifikat bil-marka

— Sabiex ikunu nfurmata l-konsumaturi rigward il-karatteristiċi tal-prodotti ġodda mqiegħda fis-suq.

3. GRUPPI MMIRATI

— Il-preskrivaturi (stilisti, disinjaturi, fabbrikanti, edituri)

— Distributuri

— Tessuti, ċirkoli ta' l-edukazzjoni tal-moda u għad-disinn intern (għalliema u studenti)

— Il-mexxeja ta' l-opinjoni

— Il-konsumaturi

4. IL-MESSAĠĠI EWLENIJA

— Il-kwalità tal-prodott tiġi mill-kondizzjonijiet li fihom il-materja prima hija prodotta, l-użu tal-varjetajiet xierqa u l-esperjenza bl-abilità li jkollha effett matul il-katina kollha tal-produzzjoni.

— Il-kittien Ewropew joffri medda wiesa ta' prodotti (ilbies, dekorazzjoni, għażel għad-djar) u rikkezza ta' kreattività w innovazzjoni.

— Il-marka ta' l-"Imgħallma ta' l-Għażel", ibbażata fuq il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet, tidentifika kittien Ewropew ta' kwalità-superjuri fid-dawl ta' kriterji li jirrigwardjaw il-produzzjoni speċifika u l-kondizzjonjiet tal-ipproċesar fil-KomunitEwropea, minn drapp għal drapp.

5. IL-KANALI EWLENIJA

— Kanali elettroniċi (siti ta' l-internet)

— Esebizzjonijiet professjonali

— Miżuri ta' l-informazzjoni li jimmiraw lill-utenti aħħarija (disinjaturi, manifatturi, distributuri, edituri)

— Informazzjoni fil-punti tal-bejgħ

— Relazzjonijiet mal-istampa speċjalizzata

— Miżuri ta' l-informazzjoni edukazzjonali fl-iskejjel tal-moda, korsijiet ta' l-inġinerija tat-tessuti, eċċ.

6. IT-TUL TAŻ-ŻMIEN TAL-PROGRAMMI

12 sa 36 xhar, tingħata prijorità lill-programmi multi-annwali li jkollhom miri stabbiliti għal kull stadju.

7. BUDGET INDIKATTIV

EUR 1 milljuni.

Ċanga u vitella

1. MIRI

L-għan tal-programm tal-komunikazzjoni huwa li jerġa jdaħħal il-fiduċja fis-suq taċ-ċanga u l-vitella bl-isforzi kkordinati fl-Istati Membri kkonċernati. Dan għandu jkun programm flessibbli: l-objettivi u l-istruttura wiesa għandhom ikunu komuni għal kullħadd, imma partikolatrment il-ġemgħa ta' elementi u l-għażla taż-żmien ikunu jvarjaw bejn Stat Membru wieħed u ieħor skond ma tkun titlob is-sitwazzjoni.

Hemm ħtieġa ta' konsistenza, imma mhux uniformità. Il-programm għandu jkopri s-swieq kollha taċ-ċanga.

Il-korp responsabbli għall-programm għandu jkun identifikat f'kull Stat Membru. Punt ta' kuntatt għandu wkoll ikun provdut. Il-programm għandu jindirizza lill-gruppi ta' konsumaturi u jassigurhom rigward iċ-ċanga u l-vitella.

Il-kampanja ta' l-informazzjoni

Il-kampanja għandha tikkonċentra fuq l-assigurazzjoni tal-konsumaturi, li jeħtieġu li jkunu jafu li l-leġislazzjoni Ewropea u nazzjonali tistabbilixxi regoli ħalli tassigura s-sigurtà tal-prodott (e.g. traċċabbilità u tikkettjar) u li tipprovdi kontrolli effettivi matul il-katina tal-produzzjoni.

Il-kampanja għandha topera fi tlett livelli: L-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali, u s-settur privat.

Il-kontenut u t-tifsira ta' kwalunkwe tikketti nazzjonali jew privati wżati, għandha tkun spjegata.

Il-materjal kollu għandu jgħati l-indirizzi tal-websites Ewropej u nazzjonali.

2. IL-MESSAĠĠI EWLENIJA

— Iċ-ċanga u l-vitella huma nutrizzjużi u suġġetti għal regolazzjoni

— Miżuri effettivi dwar is-sigurtà huma eżistenti, inkluż l-verifiki

— L-ittikkettjar taċ-ċanga u l-vitella huma ddisinjati sabiex jassiguraw lill-konsumaturi

— Aktar informazzjoni hija disponibbli jekk il-konsumatar ikun jixtieq li jsir jaf aktar.

3. GRUPPI MMIRATI

A. **Konsumaturi ndividwali**

— Il-konsumatur ewlieni hija l-udjenza ta' nisa b'età ta' bejn il-25 u l-45 sena, bit-tfal, li jgħixu f'żoni urbani. Dawn in-nisa huma l-qalba tas-suq tax-xiri ta' l-ikel.

— It-tieni grupp immirat huma persuni waħedhom jew koppji ta' l-età ta' sa 35 sena b'qawwa tajba tax-xiri, li l-għażla tagħhom tal-prodott hija ggwidata bil-konvenjenza u l-gosti.

B. **Is-suq istituzzjonali (skejjel, sptrajiet, fornituri ta' l-ikel, eċċ.)**

L-istampa speċjalizzata u l-għaqdiet tal-konsumaturi huma wkoll direttament involuti bħala l-moltiplikaturi ta' l-opinjoni.

4. IL-KANALI EWLENIJA

— e-tools (Internet),

— linji ta' informazzjoni bit-telefon,

— kuntatti mal-medja (e.g. ġurnalisti tal-konsumaturi, stampa xjentifika u speċjalizzata), konferenzi, sezzjonijiet ta' mistoqsija-u-tweġiba minn esperti ndependenti tas-sigurtà ta' l-ikel. Dawn is-sezzjonijiet għandhom jinvolvu n-negozjanti, gruppi ta' konsumaturi u enitajiet istituzzjonali oħrajn tas-suq,

— il-medja tal-istampa (e.g. ġurnali tal-konsumaturi, stampa reġjonali, fuljetti, brochures, eċċ.),

— il-medja viżiva, bħal ma huma kartelluni tar-reklami, materjali tal-punt-tal-bejgħ, TV.

— ir-radju.

5. BUDGET INDIKATTIV

EUR 6 milljuni.